| | |
|---|---|
| Awtorità Pubblika | Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi |
| Deskrizzjoni tal-istruttura taddipartiment/direttorat/entità | L-Aġenzija hija mmexxija minn Kap Eżekuttiv (pożizzjoni li bħalissa hija mimlija minn Uffiċjal Interim responsabbli). Taħt il-Kap Eżekuttiv, wieħed isib Supervisor tax Xogħlijiet li min-naħa tiegħu jmexxi numru ta' *handymen*. |
| Deskrizzjoni tal-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet taddipartiment/direttorat/entità | L-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi għandha rresponsabbiltà li tipprovdi manutenzjoni taż-żoni pubbliċi u ttitjib taż-żoni tat-turiżmu.<br><br>Il-funzjonijiet tal-Fondazzjoni huma li:<br>a. Tiddetermina l-politika tagħha skont il-missjoni u l-għanijiet tagħha;<br>b. Jiirrakkomanda bidliet fil-politika u jagħti pariri lill-Ministru responsabbli għat-turiżmu sabiex jindirizza u jimmaniġġja ttħassib imqajjem minn diversi partijiet interessati fl-oqsma;<br>c. Tiżgura l-forniment u l-manutenzjoni effettivi taż-żoni tatturiżmu b'titjib immirat biex jindirizza l-aċċessibilità għal persuni b'diżabilità<br>d. Tiżgura l-adozzjoni ta' approċċi effettivi sabiex jittejbu listandards ambjentali u l-eliminazzjoni tal-perikli għassigurtà;<br>e. Tiżgura l-adozzjoni ta' koordinazzjoni effettiva u puntwalità tax-xogħlijiet ta' manutenzjoni u titjib estetiku fiż-żoni turistiċi.<br>f. Appoġġ għaż-żamma ta' avvenimenti pubbliċi fiż-żoni turistiċi u biex jiġi żgurat l-ordni pubbliku u r-rappurtar ta' attivitajiet illegali fiż-żoni turistiċi. |
| Deskrizzjoni ġenerali talkategoriji ta' dokumenti li ddipartiment/direttorat/entità għandu (inklużi dokumenti eżentati) | Fajls tal-HR, fajls tal-proġett tal-impenji, fajls tal-pjan tannegozju, fajls tal-inventarju, fajls tal-ħlas. |

| | |
|---|---|
| Deskrizzjoni tal-manwali kollha u tipi simili ta 'dokumenti li fihom politiki, prinċipji, regoli jew linji gwida skond liema deċiżjonijiet jew rakkomandazzjonijiet jittieħdu fir-rigward ta 'membri talpubbliku ( inklużi korpi korporattivi u impjegati ta' lawtorità pubblika fil-kapaċità personali tagħhom) | Il-manwali u d-direttivi kollha applikabbli kif maħruġa mill-Gvern ta' Malta |
| Dikjarazzjoni tal-informazzjoni li teħtieġ tkun disponibbli għall-membri tal-pubbliku li jixtiequ jiksbu aċċess għal dokumenti uffiċjali millawtorità pubblika, liema dikjarazzjoni għandha tinkludi dettalji tal-uffiċjal jew uffiċjali li lilhom għandhom jintbagħtu talbiet għal tali aċċess | L-uffiċjali tal-FOI tal-Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni tatTuriżmu jistgħu jiġu kkuntattjati permezz ta' e-mail foi.mtp@gov.mt jew bit-telefon 22915900.<br><br>It-Talbiet tal-FOI jistgħu jiġu sottomessi permezz tal-posta elettronika lill foi.mtp@gov.mt, permezz tal-portal tal-FOI www.foi.gov.mt permezz tal-e-ID jew permezz tal-formola online. |
| Dettalji tal-Proċedura tal-Ilmenti Interni | Applikant li t-talba tiegħu għal informazzjoni tiġi miċħuda, jew li b'xi mod ieħor mhuwiex sodisfatt bl-informazzjoni pprovduta, ilformat tiegħu jew l-estensjoni tal-iskadenza għas-sottomissjoni tan-notifika li tindika jekk talba tkunx sodisfatta jew le, jista' jindirizza lment. L-ilment għandu jiġi indirizzat lill-Uffiċjal tal-FOI tal-Awtorità, li għandu jressaq l-ilment għall-attenzjoni tal-uffiċjal responsabbli. L-uffiċjal responsabbli għandu jwieġeb lill-applikant fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol minn meta jirċievi l-ilment. Lapplikant għandu jiġi infurmat ukoll li jista' jappella mid-deċiżjoni jew inkella jindirizza lment lill-Kummissarju tal-Informazzjoni u lProtezzjoni tad-Data skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (Kap. 496 tal-Liġijiet ta' Malta). L-uffiċjal responsabbli għandu jinforma lill-applikant bid-deċiżjoni meħuda fir-rigward tal-ilment tiegħu jew tagħha, u fil-każ ta' konferma ta' deċiżjoni li ma tiġix rilaxxata l-informazzjoni pertinenti, għandu jispjega r-raġunijiet għal dan. Kull meta l-ilment tal-applikant ikun relatat mal-format tal-informazzjoni pprovduta jew ma' estensjoni tal-iskadenza għas-sottomissjoni tan-notifika li tindika jekk talba hijiex se tintlaqa' jew le mill-Awtorità, u d-deċiżjoni oriġinali hija milqugħa l-applikant għandu jingħata spjegazzjoni għaliex l-ilment tiegħu jew tagħha ma jistax jiġi indirizzat b'mod pożittiv. Applikant jista' wkoll jagħmel użu mill-Proċedura Interna tal-Ilmenti biex jirrapporta nuqqas li jissodisfa l-iskadenzi jew li jibgħat notifiki. F'dawk il-każijiet fejn it-talba għall-informazzjoni tista' tintlaħaq, iżda ma tkunx intlaħqet fl-iskadenzi speċifikati mill-Att, l-uffiċjal responsabbli għandu jirrinunzja għal kull ħlas applikabbli għassottomissjoni tal-informazzjoni. |

| | |
|---|---|
| Informazzjoni oħra | L-ilmenti jistgħu jintbagħtu lill-Awtorità Pubblika permezz ta' email lil foi.mtp@gov.mt permezz tal-portal tal-FOI www.foi.gov.mt permezz tal-e-ID jew permezz tal-formola online. Aktar informazzjoni dwar l-Att dwar il-Libertà talInformazzjoni tinsab fuq www.foi.gov.mt. |
| Dettalji ta' Kuntatt talAwtorità Pubblika | Indirizz: Aġenzija għar-Riġenerazzjoni taż-Żoni Turistiċi,<br>Triq Martin Luther King, Pembroke<br>Tel Ġenerali: 21376082<br>Indirizz elettroniku ġeneriku: info@tourismzones.mt |